MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 483/2014

AB

Vs

CBD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ppremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata nhar is-sittax ta’ Settembru tas-sena elf disa mija hamsa u disghin (16/09/1995) permezz ta’ cerimonja religjuza (Kopja annessa Dok. A);

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Joseph Abela fis-sitta u ghoxrin ta’ Marzu tas-sena elfejn u tlieta (26/03/2003) (Kopja annessa Dok. B).

Illi l-ebda manteniment ma hu dovut mill-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni lill-intimata CBD;

Illi t-tfal tal-partijiet llum kibru, imma peress li t-tifla, G ghadha minorenni l-attur qieghed ihallas il-manteniment dovut lit-tifla hekk kif stipulat fil-kuntratt tas-separazzjoni fuq imsemmi. It-tifel il-kbir, K, huwa llum maggorenni;

Illi dan l-istat ta’ fatt jirrizulta mix-xiehda tar-rikorrent hawn annessa u mmarkata “Dok. C”;

Illi ghaddew aktar minn hdax il-sena mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara mahlul iz-zwieg tieghu ma’ Natalina sive Nathalie Grech Briffa u li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk min din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta’ Novembru 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta’ Marzu 2003;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------